2023

il-fuljett

# Amigos

Marafiki - Ħbieb - Friends



Segretarjat Missjonijiet Agostinjani

Jikteb Fr. Mario Abela OSA

# Imġiegħla jaħdmu

Fid-dinja hawn madwar 160 miljun tifel u tifla li jiġu ta' kuljum sfurzati biex jaħdmu minħabba s-sitwazzjoni estrema ta' faqar li jgħixu fih.

Dawn it-tfal qegħdin jiġu mċaħħda mit-tfulija tagħhom, mit-tagħlim u l-edukazzjoni, mil-logħob u minn ħajja diċenti. Barra minn hekk dawn it-tfal qegħdin jiġu mentalment, fiżikament, soċjalment u moralment imfarrka.

Ħafna tfal bejn il-5 u l-14-il sena li ġejjin minn familji estremament foqra jkollhom imorru jaħdmu minn kmieni filgħodu sa tard filgħaxija għal ftit flus. Kulħadd japprofitta minnhom, mingħajr ebda drittijiet ta' xejn, kważi kważi skjavi.

Dan kollu biex jgħinu lill-ġenituri u lil ħuthom żgħar, frott tal-miżerja li jgħixu fiha dawn il-familji. Il-maġġoranza ta' dawn it-tfal jaħdmu ġo għelieqi, oħrajn ma' xi bennejja fil-ġebel u t-tajn, ġo xi fabbrika klandestina kif ukoll fil-bejgħ ta' xi prodotti ġewwa xi suq, bħal ħaxix u frott. Hemm tfal oħra li jaħdmu fil-miżbla qalb dak il-ħmieġ u periklu kbir għal saħħithom. Ta' kuljum jistennew ġejjin it-trakkijiet biż-żibel biex kif jaslu jibdew jagħżlu xi affarijiet li aktar tard imorru jbiegħu. Minn dawn it-tfal hemm min jaħdem madwar 12-il siegħa kuljum.

Fl-aktar pajjiżi foqra tad-dinja, wieħed minn kull erbgħa, bilfors ikollu jaħdem biex jitma' l-familja. Dawn huma l-aktar pajjiżi li jinsabu f'din is-sitwazzjoni: l-Afrika 32%, l-Asja 22% u 17% fl-Amerika Latina.

Papa Franġisku, tkellem kemm-il darba dwar il-pjaga tat-tfal ħaddiema fid-dinja tal-lum. Għalkemm sar ħafna progress dwar din is-sitwazzjoni tat-tfal xorta għad fadal ħafna aktar xi jsir biex tissolva l-problema f'dawn il-kontinenti.

Dan huwa bla dubju ta' xejn riżultat ta' nuqqas ta' xogħol għall-persuni adulti. Minħabba din is-sitwazzjoni miljuni ta' tfal qegħdin kuljum jiġu kkundannati għax-xogħol f'età tant żgħira. Hija tal-mistħija li tara lit-tfal iwettqu dak it-tip ta' xogħol għal ftit flus.

Meta aħna nerġgħu nagħtu lura mill-ġdid id-dinjità lil dawn it-tfal inkunu qegħdin nagħtu dinjità lill-familji tagħhom.

Ejjew nagħtu lura lil dawn it-tfal it-tfulija tagħhom.

Ejjew ngħinuhom joħolmu b'futur sabiħ.

Ejjew ngħinuhom jaraw is-sbuħija tal-ħajja.

Fr Mario Abela O.S.A.
Direttur



# Ċiklun Freddy



Iċ-ċiklun Freddy laqgħat il-Możambik.
Ix-xahar ta’ Marzu, għall-poplu Możambikan u aktar u aktar għan-nies ta‘ Mapinhiani fejn is-sorijiet Agostinjani jwettqu l-ħidma tagħhom, ma kien xejn xahar tajjeb minħabba dan iċ-ċiklun. In-nies ta‘ dan ir-raħal fqir bħalissa għaddejjin minn tbatija kbira. Iċ-ċiklun għamel ħerba fuq l-għerejjex tal-foqra u soqfa ta’ skejjel u dormitorji tat-tfal ġew im-waqqa’. L-għelieqi mgħarrqa. Tilfu l-prodotti kollha li kellhom minħab-ba x-xita li għamlet għal ħafna jiem. Bħalissa minħabba f‘hekk hemm nuqqas ta’ ikel, ilma nadif u hemm problemi kbar ta’ mard.

Ħbieb, induru fuqkom f’dan il-mument diffiċli għal dawn ħutna. Ejjew ngħinuhom mill-aħjar li nistgħu billi tibagħtu lis-Segretarjat Missjonijiet Agostinjani l-offerti tagħkom.
Grazzi.



# Ċiklun Freddy





Jikteb Alexander Formosa

# Biċċa ħobż ħdejn il-baħar

Kull esperjenza missjunarja toffri esperjenzi differenti. Esperjenzi li jibnuk moralment, spiritwalment, kif ukoll karatterjalment. Tiltaqa' ma' esperjenzi li jbikkuk imma wkoll ma' aneddoti li jnisslulek tbissima u tibqa' tiftakarhom għal ħajtek. Kull darba li tiftakar fihom tidħaq daqs dakinhar li tkun saret l-istorja.

Meta mort il-Możambik fl-2012 iltqajt ma' tifla ċkejkna ta' erba' snin jisimha Ori. Din it-tifla kienet orfni. Missierha kellu l-vizzju tax-xorb u telaqha għal riħha u ommha kienet mietet bil-marda qerrieda tal-AIDS meta wellditha. Ori wirtet l-AIDS mingħand ommha. Peress li kienet bla familjari, is-sorijiet Agostinjani ta' Mapinhane ddeċidew li jrabbuha magħhom fil-kunvent. Inzerta li fl-istess kunvent kienu qed jospitaw lilna l-Maltin għal esperjenza ta' seba' ġimgħat.

Minkejja l-marda tagħha, Ori kienet tifla fuq tagħha ħafna u erħilha tiġri ma' xi wieħed miż-żgħażagħ tal-grupp biex jagħmlu xi ħmerija jew ċajta lil xi ħadd. Ħafna drabi l-vittma kien ikun l-imsejken Fr Mario.

Ta' kull filgħaxija wara ġurnata niżbgħu l-ħitan tal-iskola jew nibnu xi palhota, konna ninġabru madwar il-mejda tal-kunvent biex nieklu. Bejn il-grupp taż-żgħażagħ, is-sorijiet u ġieli xi studenti mill-iskola li kienu jinzertaw fil-kunvent, kien ikun hemm ċorma nies mhux ħażin. Wara li kien jingħad xi talb ta' qabel l-ikel konna nduru madwar il-borom mimlija b'ikel bnin ippreparat mis-sorijiet u Anna, il-koka tal-kunvent. Wara ġurnata xogħol jien u ż-żewġ ġuvintur l-oħra tal-grupp kien ikollna guħ imwerwer u hekk kif nimlew il-platt bl-ikel konna mmorru nieklu ħdejn xulxin fuq il-mejda. Konna nikkompetu ma' xulxin min kellu l-ħila jnaddaf il-platt l-ewwel.

Waqt waħda minn dawn il-kompetizzjonijiet, tiġi Ori b'ħeffa liema bħala, tieqaf ħdejja, titla' fuq is-siġġu biex tlaħħaq ma' wiċċi biex bħal donna tgħidli 'hello', tidħaqli u tagħtas waħda kif imiss f'wiċċi u wiċċ Carlo. Kieku llum il-ġurnata bil-protokolli sanitarji li għaddejna minnhom das-sentejn konna probabbli mmorru ninħaslu fis-*'sanitiser'* jew saħansitra fl-ilma mbierek. Imma dakinhar, bejn il-guħ li kelli u bejn li ma stennejtx li din it-tifla ħa tagħmel mossa bħal din, bqajt niekol qisu ma ġara xejn. Fil-ħin nisma' lil Carlo jgħid minn taħt l-ilsien, "Qisni qed niekol biċċa ħobż ħdejn il-baħar!"  Ma' dal-kliem il-grupp Malti nfaqa' jidħaq daħqa tajba! Id-daħqa kompliet infirxet mal-grupp kollu li kien hemm fil-kamra minkejja li ma fehemux x'qal Carlo.

Fejn is-soltu ħaġa bħal din jaf kienet tkun tfisser xi kastig għal Ori, din id-darba spiċċat il-protagonista tal-lejla, tant li ħasbet li kienet għamlet xi bravura. Il-grupp kollu baqa' jimita lil din it-tifla, lili u lil Carlo sal-aħħar tal-esperjenza, u mhux l-ewwel darba li xi ħadd mill-grupp jerġa' jaqsam din l-esperjenza f'xi '*chat*' jew meta niltaqgħu minn żmien għall-ieħor.

Alexander Formosa





# Esperjenza Kenja 2023

## Mireille



Għeżież qarrejja, għalija din hija l-ewwel esperjenza ta' xogħol volontarju li se nagħmel. Dejjem kelli x-xewqa li ngħin lil ħaddieħor li huwa fil-bżonn. Din l-opportunità ġiet b'kumbinazzjoni għax persuna qrib tiegħi rat ir-riklam fuq il-midja soċjali u kienet taf li għandi x-xewqa li nitla' ngħin fil-missjoni. Jiena għalliema tas-snin bikrin u bħala xogħol nieħu ħsieb u ngħallem tfal żgħar ħafna. Minn dejjem kelli x-xewqa li ngħin tfal li qegħdin fil-bżonn. Meta nkun qed ngħallem niftakar fi tfal li forsi mhumiex daqshekk ixxurtjati u li m'għandhomx l-opportunitajiet li għandhom it- tfal li nkun qed ngħallem. Peress li se nitla' bħala l-ewwel esperjenza missjunarja ma nafx x'se nsib quddiemi imma naħseb li se nsib faqar li qatt ma esperjenzajnih. Inħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jagħmlu din l-esperjenza li żgur se sservihom għal ħajjithom kollha u jitgħallmu minnha.

# Antonio



Kont ilni nara stejjer ta' nies imorru fuq missjoni, u sena u nofs ilu avviċinajt persuna li kienet parti mill-grupp Amigos. Malajr kellimt lil Fr Mario, però dik is-sena ma kellniex l-opportunità li mmorru. Din is-sena jekk Alla jrid sejrin ngħixu din l-esperjenza f'komunitajiet fil-Kenja fejn in-nies qed jgħixu ħajja b'dinamika differenti milli forsi mdorrijin biha aħna. Kelli l-impressjoni li l-missjoni tibda meta tasal hemm, però fil-verità tibda minn ħafna żmien qabel! Grazzi għall-għajnuna ta' nies li diġà għamlu l-esperjenza qabilna qed isir xogħol biex niġbru fondi għal dawn il-komunitajiet. Grazzi ħafna lilkom ukoll, li dejjem tagħtu l-għajnuna tagħkom biex din il-missjoni tkun ta' suċċess.

# Raisa



Il-grupp Amigos jagħtini l-esperjenza li nimrah fil-qasam tal-volontarjat, kemm lokali u kif ukoll barra minn Malta. Minn dejjem kont inħobb inżomm ruħi involuta fil-qasam tal-volontarjat għaliex apparti milli jagħtini l-opportunità li nagħti ftit minn dak li għandi, jagħtini wkoll iċ-ċans li nersaq iktar qrib tiegħi nnifsi u niskopri iktar il-valur tal-ħajja. Kull esperjenza hija unika u tlaqqgħek ma' personalitajiet u sitwazzjonijiet differenti. Flimkien ma' sħabi tal-Amigos ħerqana li se nkunu qed naħdmu flimkien ġewwa tliet villaġġi fil-Kenja.

# Mariana



Kont bejn ħalltejn jekk nagħmilx dik it-telefonata biex immur fuq xogħol missjunarju l-Kenja peress li bżajt mill-impenn li jkun fiha. Però, fl-aħħar ċempilt lil Fr Mario u minn dakinhar s'issa ħdimna bħala grupp biex inġibu kemm jista' jkun fondi ħalli ngħinu lill-foqra fix-xiri ta' ikel, mediċini, kartolerija għat-tfal tal-iskola, bini ta' bjar u djar. Itolbu għalina biex nuruhom imħabba, kuntentizza u biex ngħinuhom bla ražan u bla kundizzjoni. Grazzi kbira lil kull min ta sehemu fl-attivitajiet li għamilna u lil min ta donazzjoni. Huwa bis-saħħa tagħkom il-qarrejja li dan ix-xogħol huwa possibbli.

# Nicholas

Kull sena l-Mulej sejjaħli biex nagħmel esperjenza missjunarja u din is-sena għażilt li mmur il-Kenja. Din l-għażla ġiet wara li indunajt li ridt xi ħaġa aktar mill-esperjenzi li għamilt qabel f'Malta, u meta skoprejt li kien hemm xi ħadd li naf tielgħa mal-Amigos għamilt iktar kuraġġ. Grazzi ħafna tas-sapport tagħkom u nassigurakom li l-kontribuzzjonijiet tagħkom ħa jmorru għand nies li huma veru fil-bżonn.





# Grupp Kenja 2023





Kulleġġ Santu Wistin Skola Primarja, il-Marsa taw donazzjoni għal platt ross. Il-qliegħ mar biex jinxtraw *Hampers* għall-familji ġewwa l-Możambik.





# NIXTIEQ NGĦIN

Jiena/aħna ____________ qed nagħti/u donazzjoni tà

€ _______ għall-bżonnijiet tal-Missjonijiet Agostinjani.

Indirizz ________________________________________

Numru tat-telefon: ____________________________

Din l-informazzjoni hija kunfidenzjali u mhux se tingħata lil terzi persuni, iżda fuq dan l-indirizz se tintbagħat lilkom ir-rivista Amigos biex tkunu tafu iktar dwar ix-xogħol tas-Segretarjat Missjonijiet Agostinjani.

Meta tibgħat ċekk, ibagħtu fuq
**Segretarjat Missjonijiet Agostinjani**
Grazzi tal-għinuna tagħkom.



## Grazzi għall-bejgħ tal-*Figolli*

# Attività *Pasta Night*



# Avviż importanti!

Meta tibgħat ċekk, ibagħtu fuq

**Segretarjat Missjonijiet Agostinjani**

Grazzi tal-għinuna tagħkom.



# IBGĦAT L-GĦOTJA TIEGĦEK, ĦALLI TGĦINNA NGĦINU

## Ibgħat fuq REVOLUT +356 79255936

**TIBGĦAT SMS FUQ**

50617357 GĦAL DONAZZJONI TA' €2.33
50618085 GĦAL DONAZZJONI TA' €4.66
50618905 GĦAL DONAZZJONI TA' €6.99
50619206 GĦAL DONAZZJONI TA' €11.65

**TIBGĦAT ĊEKK LIL**

**Segretarjat Missjonijiet Agostinjani,**
Patrijiet Agostinjani,
Kunvent San Tumas ta' Villanova,
Triq J. Zammit Tabona
Pietà, PTA 1311

**TAGĦMEL BANK TRANSFER**

MT58VALL22013000000040010188817

**AMIGOS: SEGRETARJAT MISSJONIJIET AGOSTINJANI**
**Direttur responsabbli:** Patri Mario Abela OSA
**Maħruġ:** Segretarjat Missjonijiet Agostinjani

**Kunvent San Tumas Ta' Villanova,**
**Triq J. Zammit Tabona, Pietà, PTA 1331**
**Mitbuħ: 5 Stars Malta**

Amigos | Segretarjat Missjonijiet Agostinjani